# L-Isqof Senglean Emanuel Galea Għaref, Twajjeb u Umli

**Joseph Haber**



Fost il-ħafna personaġġi Sengleani li għamlu ġieħ lil beltna, insibu lil Mons. Isqof Emanuel Galea. Dan is-Saċerdot ta' statura żgħira, iżda b'personalità tant kbira, għex ħajja nisranija eżemplari għall-aħħar, u għalkemm kien mogħni b'tant kwalitajiet sbieħ, bħall-għerf, l-arti u fuq kollox il-qdusija, dejjem spikkat fih l-umiltà u l-imħabba lejn il-proxxmu tiegħu, l-aktar f'dawk l-anqas ixxurtjati.

Manuel twieled fil-belt tal-Isla, fi Triq iż-Żewġ Mini, nhar l-10 ta' Marzu tal-1891. Huwa kien l-iżgħar fost il-ħames ulied ta' Ġużeppi u Carmela Galea. Ħutu l-oħra kienu Salvatore, Francesco, Giovanna u Ġużeppina. Il-familja Galea kienet familja reliġjuża ħafna, tant hu hekk li t-tliet aħwa subien imxew fuq il-passi ta' zijuhom il-Kan. Stefano Camilleri, li kien ukoll il-Kantur tal-Kapitlu tal-Isla, u saru kollha saċerdoti.



L-Isqof Emanuel Galea

Sa minn età tenera kien jidher li dan it-tfajjel kellu kwalitajiet speċjali, sew għall-mod kif kien iġib ruħu ma' sħabu u anke fir-riżultati li kien iġib fl-iskola. Minn kmieni fil-ħajja tiegħu deher ċar li dan it-tfajjel kellu ċerta ġibda u mħabba speċjali lejn il-Knisja. Il-ġenituri tiegħu kienu jeħduh spiss il-knisja, u mhux l-ewwel darba li fin-Novena tal-Milied għalkemm żgħir, kienu jtellgħuh fuq xi banketta ħdejn l-orgni, biex ikanta l-*"Adeste Fideles"*. L-ewwel tagħlim nisrani tiegħu ħadu fl-Istitut tal-Edukazzjoni Kattolika fl-Isla, f'dak il-post li aktar tard kellu jkun huwa stess id-Direttur tiegħu.




L-'Adeste Fideles'

Mill-1903 sal-1909 studja fil-Liceo, biex imbagħad wara daħal fl-Università Rjali ta' Malta. Fiż-żmien li għamel jistudja l-Università, kien jiddistingwi ruħu minn fost l-istudenti l-oħra, kemm għall-intelliġenza u l-għerf tiegħu, u anke għall-mod kif kien iġib tant marki għoljin fl-eżamijiet, tant hu hekk li kien ingħata ċertifikat ta' unur u premjijiet oħra, fosthom 120 Lira għall-kors fit-Teoloġija, li kien għamel bejn l-1912 u l-1916. Għalkemm kien skular tant promettenti, l-akbar imħabba li kellu kienet lejn il-knisja u t-tagħlim tagħha.Kienet tidher fih dik l-ispiritwalità u tjubija straordinarja, u fuq kollox tispikka l-umiltà kbira li kellu dan il-bniedem t'Alla, tant li ma kienet xejn sorpriża meta fl-10 ta' Frar 1910, flimkien ma' ħuh akbar minnu Francesco, għamel l-ewwel wegħdiet tas-Saċerdozju, u rċieva l-ewwel tonsura, skont kif kienet il-prattika f'dawk iż-żminijiet.



L-Arċisqof Mawru Caruana

Fl-10 ta' Diċembru tas-sena ta' wara ġewwa l-Palazz tal-Isqof, irċieva l-Ordnijiet Minuri tal-Ostjarjat u l-lettorat

mill-Isqof Pietru Pace. Imbagħad fl-20 ta' Lulju 1912 irċieva l-Eżorċistat u l-Akkolitat. Fl-20 ta' Marzu 1915 ġewwa l-Konkatidral ta' San Ġwann, ġie ordnat Djaknu mill-Isqof Dom Mauro Caruana, biex imbagħad l-istess Isqof, ordnah Saċerdot nhar it-18 ta' Diċembru 1915, fil-Katidral tal-Imdina. Wara l-Gwerra l-Kbira, huwa mar ikompli jistudja f'Ruma u fit-22 ta' Ġunju tal-1921, ġab id-Dottorat fid-Dritt Kanoniku mill-Università Gregorjana tal-istess post. Fl-istess sena nħatar prefett tal-istudji u professur tal-Letteratura Latina fis-Seminarju. Għal 12-il sena kien maħtur Professur tad-Dritt Kanoniku, u għal xi żmien l-Aġent Rettur tal-Università.

Mill-1930 sal-1940 kien segretarju tal-Isqof Mawru Caruana. Fl-istess żmien kien *"Difensor Vinculi"* fit-Tribunal Ekklesjastiku. Fl-1932 inħatar Kan.Teologu tal-Katidral, u propju f'din l-okkażjoni kien irregala lill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Isla s-Salib Pettorali tiegħu. Sena wara ġie maħtur Direttur tal-Istitut 'Ġesù Nażżarenu' fiż-Żejtun, fejn kellu jokkupa din il-kariga għal 41 sena. Fl-1940, meta s-sħab iswed tal-Gwerra kien ġa qiegħed fuq Malta, Mons.Galea nħatar Vigarju Ġenerali, biex imbagħad sentejn wara, fid-19 t'Awwissu 1942 ġie maħtur Isqof Awżiljarju ta' Malta. Din il-ħatra ġiet fl-agħar żminijiet tal-Gwerra, tant hu hekk li l-ewwel funzjoni pubblika tiegħu bħala Isqof kienet propju t-tberik u l-Konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù, fiż-Żejtun.

Fl-1943, l-Isqof Galea kien onorat billi nħatar Kavallier tal-Ordni Sovran u Militari ta' San Ġwann. Fit-12 ta' Jannar tal-1944, kellu kontra qalbu jirriżenja mill-kariga ta' Professur tad-Dritt Kanoniku, minħabba x-xogħol impenjattiv li ġġib magħha din il-kariga, iżda jumejn biss wara kien maħtur Professur Emeritu tal-Università. Meta qed insemmu dawn il-ħatriet u l-unuri kollha li l-Isqof Galea kien fdat fihom, wieħed malajr jasal biex jifhem il-ħila u l-intelliġenza straordinarja flimkien ma' kwalitajiet sbieħ oħra, li l-Mulej għoġbu jżejnu bihom. Iżda għalkemm onorat u fdat b'tant karigi importanti, dejjem għaraf jgħix fl-umiltà, u qatt ma ħalla l-unuri u l-frugħa li taf toffri din id-dinja, ibegħduh mir-realtà tal-ħajja sempliċi u komuni li kien jgħix fiha l-poplu, li miegħu kien trabba u għex iż-żgħożija tiegħu.

Il-fiduċja kbira li kellhom fih l-ogħla awtoritajiet tal-knisja, kompliet tidher anke meta Mons.Mikiel Gonzi ġie ordnat l-Arċisqof ta' Malta, tant hu hekk li dan reġa' kkonferma lill-Isqof Galea kemm fil-kariga ta' Vigarju Ġenerali u anke bħala Isqof Awżiljarju tiegħu. L-Isqof Galea baqa' jaħdem b'reqqa u għaqal kbir f'kull ċirkustanza li kien jiltaqa' magħha, sew fi żmien l-Episkopat tal-Isqof Mawru Caruana, u anke mas-suċċessur tiegħu l-Arċisqof Mikiel Gonzi. Għalkem mgħobbi b'tant responsabbiltajiet u impenji fil-karigi importanti tiegħu, huwa dejjem fittex li jibqa' jgħin lil kull min kellu bżonn bil-parir għaqli tiegħu, speċjalment fil-qrar. Huwa kien magħruf ukoll għall-mod kif kien kapaċi jwassal il-messaġġ li ried fil-predikazzjonijiet tiegħu, fl-anqas ħin u mingħajr ma jtawwal iżżejjed. Huwa kien kittieb regolari ta' artikli fil-gazzetta "Leħen is-Sewwa", u rivisti oħrajn reliġjużi.


L-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi

Bejn l-1962 u l-1965 huwa ħa sehem fil-Konċilju Vatikan II, u kien ħalla impressjoni tajba ferm fl-interventi li kien għamel. Fl-istess sena, fit-2 ta' Novembru, fl-okkażjoni tal-ħamsin sena saċerdotali tiegħu, inħatar Assistent għat-Tron mill-Papa Pawlu VI. B'sinjal ta' ferħ għal din il-ħatra, saru xi ċelebrazzjonijiet fl-Isla, fejn l-Isqof Galea stess mexxa Quddiesa Pontifikali bis-sehem tal-Kapitlu Senglean. Fl-istess jiem kienet tat is-sehem tagħha wkoll il-Banda Ċittadina, dak iż-żmien "Queen's Own". Fit-30 ta' Diċembru 1965, kienet saret siegħa Adorazzjoni fil-Parroċċi kollha ta' Malta, u f'Jannar Konċelebrazzjoni fil-Konkatidral ta' San Ġwann f'ġieħ l-istess ħatra tal-Isqof Galea.


Il-Papa Pawlu VI

Jekk ikollna nibqgħu nsemmu aktar ġrajjiet mill-ħajja tal-Isqof Galea, naħseb li nispiċċaw biex intawlu mhux ħażin dan is-sempliċi profil tiegħu. Għalhekk ikollna nħallu barra bosta episodji, fatti u esperjenzi personali ta' nies li għexu miegħu u li kienu jafuh sewwa, fejn fihom Mons.Galea wera kemm kien bniedem li jgħix bil-fatti dak li kien jemmen u jippritetka. Kemm l-imġiba kif ukoll id-drawwiet li kellu huma xhieda tal-ħajja qaddisa li għex dan il-bniedem. Kellu devozzjoni kbira lejn Ġesù Sagramentat, tant li ta' kuljum wara l-ikel, kien imur jinvista s-Sagrament fil-Knisja tal-Ispirtu s-Santu, u kien propju fi triqtu lejn din il-knisja, nhar il-Ħadd 18 ta' Awwissu, li ħassu ħażin. L-għada t-Tnejn, fuq parir tat-tabib tiegħu kien rikoverat l-isptar, fejn baqa' sejjer lura sakemm mar jiltaqa' mal-Ħallieq, l-Erbgħa filgħodu, il-21 t'Awwissu 1974.

Il-Funeral tiegħu sar l-għada mill-Knisja tal-Vitorja


L-Isqof Mons. Nikol Cauchi


L-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca

l-Belt, fejn kien espost għall-qima tal-pubbliku, sal-Konkatidral ta' San Ġwann, fejn saritlu Quddiesa *"Presente Cadavere"* mmexxija mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Miegħu kkonċelebraw Mons. Nikol Cauchi, Isqof t'Ghawdex, u Mons.Ġużeppi Mercieca, Isqof Awżiljarju ta' Malta, flimkien ma' mijiet ta' Saċerdoti u Reliġjużi oħra. Dakinhar, il-Konkatidral kien tant mimli bin-nies li ma kienx hemm fejn toqgħod labra, u saħansitra t-toroq minn fejn għadda l-korteo bit-tebut tiegħu kienu ffullati bin-nies, li riedu jagħtu l-aħħar tislima lil dan il-bniedem t'Alla, li għamel ġieħ lil beltna u lil Malta. Huwa ndifen fiċ-Ċimiterju ta' San Girgor, iżda fil-5 ta' Novembru 1990, il-fdalijiet tiegħu nqalgħu u tpoġġew f'Monument imħejji apposta maġenb il-Kappella tal-Istitut ta' Ġesù Nażżarenu, fiż-Żejtun.



Il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju fil-Bażilika Kolleġġjata ta' Marija Bambina fl-Isla

L-Isqof Emanuel Galea, għex ħajtu kollha jaqdi u jservi f'kull missjoni li kien imsejjaħ għaliha. Huwa dejjem fittex li jkun fidil u ġust lejn it-twemmin tiegħu, u qatt ma tkabbar għal tant ħatriet u titli li kien onorat bihom matul ħajtu. Mhux ta' b'xejn li l-Kardinal Paolo Marella, fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju Pawlin fl-1960, kien sejjaħ lill-Isqof Galea bħala "... bniedem Għaqli u Qaddis..." Fid-19 ta' Ġunju 1942, fil-ġurnal, "Leħen is-Sewwa" kien inkiteb "...taħt id-dehra umli tiegħu jaħbi Qdusija, Għerf, Prudenza u Mħabba", u fl-istess ġurnal Mons. Ġużeppi Sapiano sejjaħlu "...Ruħ Devota u Pija..."



Il-Qaddis Malti, San Ġorġ Preca

Għalkemm l-Isqof Galea kien bniedem ta' ftit kliem, kien magħruf ukoll għal xi risposta f'waqtha li kien ikun pront jagħmel fil-ħin opportun. Ma nistax ma nsemmix il-fatt, meta fl-20 ta' Ottubru 1952, huwa kien flimkien

# It-30 anniversarju mill-mewt ta' l-Isqof EmmanuelGalea

*Il-Qaddej ta' Alla, l-Isqof Emmanuel Galea, li l-qdusija tiegħu saħħret lil kulħadd f'ħajtu u wara mewtu, se jagħlaq 30 sena mindu ttajjar fi ħdan il-Mulej fil-21 ta' Awissu 1974. Wara marda qasira, miet fl-Isptar San Luqa, u wara ġie ttrasferit għall-Istitut li għalih għex l-aħħar 41 sena ta' ħajtu u li bena l-parti kbira minnu. L-imħabba kbira tiegħu għat-tfal orfni u abbandunati u l-ħeġġa għall-ispiritwalità missjunarja tal-Kongregazzjoni ta' Ġesù Nazzarenu ma setax jinfired minnhom, lanqas wara mewtu.*

Il-funeral solenni, immexxi mill-Arċisqof Gonzi, li tiegħu kien il-Vigarju Ġenerali għal 30 sena sħaħ, akkumpanjat minn numru kbir ħafna ta' saċerdoti u reliġjużi Maltin, sar fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt.

Il-folol kbar ta' nies, li ħabb għall-aħħar u li ħabbewh wisq tul ħajtu, kienu hemm ukoll madwar il-fdalijiet tiegħu, bħala rikonoxximent għall-ġid spiritwali u materjali li għamel magħhom bħala Ragħaj.

Il-fdalijiet tiegħu ġew midfunin fiċ-Ċimiterju ta' San Girgor, iż-Żejtun, minn fejn fil-5 ta' Novembru 1990 ġew trasferiti għall-Kappella ta' l-Istitut, fejn jinsabu miżmumin b'qima u devozzjoni kbira.

Ħafna morda jew familji tagħhom qegħdin iżuru din il-Kappella u jitolbu fuq il-qabar tiegħu, ħalli bl-interċessjoni tiegħu Alla jagħtihom l-għajnuniet li jeħtieġu. Qegħdin isiru ħafna pellegrinaġġi minn Malta kollha u kuljum isir it-talb għall-glorifikazzjoni tiegħu.

Flimkien mas-Superjura tal-Kongregazzjoni qegħdin nistiednu lil kulmin daq il-ħlewwa ta' mħabbtu u għaraf il-qdusija tiegħu fil-qrar, fil-priedki u l-pariri li kien jagħti, biex jingħaqad u jieħu sehem fil-Konċelebrazzjoni li se ssir fil-Kappella ta' l-Istitut "Ġesù Nazzarenu", iż-Żejtun, nhar is-Sibt, 21 ta' Awissu, 2004, fis-7pm.

Kulħadd ikun jista' jżur ukoll il-kmamar fejn kien jgħix f'umiltà l-aktar kbira.

Ix-xhieda tagħna lkoll miġburin madwar il-qabar tiegħu u t-talb imħeġġeġ lit-Trinità Qaddisa, bl-interċessjoni ta' Ommna Marija, għall-glorifikazzjoni tiegħu, jaqilgħulna l-grazzja kbira li dan ir-Ragħaj Malti jkun igglorifikat minn Alla u mill-Knisja u meqjum fil-knejjes tagħna li kien iżur tant ta' spiss għall-ġid tagħna.

Skond IL-ĠENS illum
Programm li janalizza fid-dettall l-artikli li jidhru fil-gazzetta IL-ĠENS*illum*.
Kull nhar ta' Tnejn bejn il-5.30-7.00pm.
Jippreżenta: Nikol Baldacchino



Mons Alwig Deguara

*Monsinjur Alwig Deguara huwa l-Viċi-Postulatur għall-Kawża tal-Beatifikazzjoni ta' l-Isqof Emmanuel Galea*

## AĦBARIJIET LOKALI

# Talba biex tinfetaħ il-kawża tal-Kanonizzazzjoni ta' l-Isqof Emanuel Galea

MINN CHARLES MUSCAT

Il-Kapitlu tal-Katidral ta' l-Imdina talab il-permess tal-Kurja ta' l-Arċisqof u tal-Kongregazzjoni tal-Vatikan biex tinfetaħ il-kawża għall-Kanonizzazzjoni ta' l-Isqof Emanuel Galea li kien Vigarju Ġenerali u Awżiljarju ta' l-Arċisqof ta' Malta u Isqof ta' Tralles. L-Isqof Emanuel Galea miet fil-21 ta' Awissu 1974.



L-Isqof Emanuel Galea

Bħalissa għaddej process biex jingabru dokumenti u ritratti dwar l-Isqof Galea li huma marbutin ma' din il-kawża.

Ħafna nies qed jirringrazzjaw 'l Alla tal-grazzji li qed jaqilgħu bl-interċessjoni ta' l-Isqof Galea li jinsab midfun qrib il-Kappella ta' l-Istitut ta' Ġesù Nazzarenu fiż-Żejtun.

L-Isqof Emanuel Galea twieled fl-Isla fl-10 ta' Marzu 1891 u kien sar qassis fl-1915. Wara l-ordinazzjoni tiegħu kompla jistudja u sena wara kiseb id-dottorat fit-Teologija mill-Università ta' Malta. Fl-1923 kiseb lawrija oħra mill-Università Gregorjana ta' Ruma.

**Wara li spiċċa mill-istudji tiegħu beda jgħallem il-Letteratura Latina fis-Seminarju ta' l-Arċisqof u mbagħad beda jgħallem il-Liġi Kanonika fl-**Università ta' Malta.

L-Isqof Galea serva f'diversi kariġi fil-Knisja tant li wara li laħaq qassis, sar Kanonku ta' raħal twelidu, l-Isla. Serva wkoll bħala Segretarju ta' l-Arċisqof Monsinjur Mauro Caruana. Hu sar Monsinjur tal-Katidral u wara Vigarju Ġenerali.

Il-Papa Piju XII kien ħatru Isqof ta' Tralles biex jassisti lill-Arċisqof Caruana. L-Isqof Emanuel Galea serva kemm taħt l-Arċisqof Mauro Caruana kif ukoll taħt l-Arċisqof Mikiel Gonzi.

L-Isqof Galea kien magħruf għall-għajnuna li kien jagħti lil dawk l-aktar fil-bżonn fi żminijiet meta f'Malta kien għad hawn il-faqar u kien jgħix **ħajja mill-aktar sempliċi u qrib il-poplu. Hu għex għal żmien twil f'parti mill-kunvent ta' Ġesù Nazzarenu u kien jagħmilha ma' l-orfni. Dan wassal biex dan il-bniedem kien popolari ħafna mal-poplu Malti.**

Il-kontribut ta' l-Isqof Galea lis-soċjetà Maltija kien ukoll fil-qasam letterarju tant li kien jikteb fil-gazzetti u wħud mix-xogħlijiet tiegħu kienu ngabru fi ktieb bl-isem *Frak tad-Deheb* li ħareġ mill-Azzjoni Kattolika. ◆

mal-Arċisqof Gonzi qed jistennew lil Dun Ġorġ Preca (paġna 95) fil-Kurja, wara li lil dan kienu bagħtu għalih biex jagħtuh l-aħbar li kien ġie maħtur Monsinjur. Dun Ġorġ, ta' raġel qaddis u umli li kien, malli sema' din l-aħbar ħassu mħawwad u konfuż u b'vuċi mnikkta qal lill-Isqof Galea "...ara kif l-Arċisqof sewwidli qalbi..." iżda Mons.Galea kien pront wieġbu u qallu "...le Dun Ġorġ, ħammarlek mhux sewwiddlek qalbek, għax issa se tkun tista' tilbes l-ilbies aħmar ta' Monsinjur..."

L-Isqof Galea kien ukoll dik il-persuna li fl-1934, ftit wara li laħaq Segretarju tad-Djoċesi ta' Malta, kien kiteb l-Innu popolari tant għażiż għalina s-Sengleani, "O Marija O ħelwa Bambina", b'mużika mill-isbaħ tas-surmast Ferdinandu Falzon. Żgur li meta ta' kull sena, aħna s-Sengleani nkunu lkoll miġbura madwar l-għażiża Bambina tagħna, inkantaw b'tant ħeġġa u devozjoni dan l-innu, naslu biex nifhmu l-imħabba li bħala iben l-Isla, kellu lejn is-Sultana ta' Beltna.

Fl-aħħar nett bħala membru fil-fratellanza tar-Rużarju ġewwa beltna, ma nistax ma nsemmix li l-Isqof Galea kien ukoll għal xi snin Prokuratur tal-Artal tar-Rużarju li jinsab fil-Bażilika, u saħansitra ħallas minn butu għall-pittura tal-kwadru tal-istess artal, infatti tifkira ta' dan insibu mpittra l-arma tiegħu, fir-rokna tax-xellug, in-naħa t'isfel tal-kwadru (paġna 95).

Nagħlaq dan it-tagħrif dwar l-Isqof Galea, billi nfakkar li fl-24 ta' Ġunju 2003, inbeda uffiċjalment il-proċess fil-Kawża tal-Kanonizzazzjoni tiegħu (paġna 95).

**Referenzi**

"L-Isqof Galea Ħelu, u Twajjeb", ta' Mons. Edgar Attard.
Il-Kotba dwar l-Istorja tal-Isla, ta' Patri Alessandru Bonnici.

el Catalán
PIZZA • PASTA • GRILL

RECOMMENDED RECOMMENDED
Restaurant ġdid max-Xatt tax-Xgħajra fil-pjazza ħdejn il-bandli. Inservu għaġin, pizza, laħam u ħut frisk.
Live Football – Serie A & Premier League
Miftuħin kuljum għal-lunch u filgħaxija.
Għall-bookings ċemplu 79009004 jew 21800997
elcatalanmalta@gmail.com www.elcatalanmalta.com

RADIATOR REPAIRS

Triq it-Tagħlim, Fgura
Tel: 2166 2148 Mob: 9982 7099
Fax: 2166 6339
*Importers of Plastic and Aluminium Radiators*


Art Hair Studio
Mario Chetcuti
66, Pjazza Antoine de Paule,
Paola PLA 1269
**T: 2166 4719**
**M: 7966 4719**